**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Kumpilazzjoni Numru 624/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ritienne Gauci)**

**vs**

**Francois Micallef**
**(ID 293784(M))**

**Illum, 3 ta' Marzu 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Francois Micallef** ta' 38 sena, bin John Micallef u Maria Anna Micallef nee` Grech, imwieled il-Pieta` nhar il-11 ta' Ġunju 1984, residenti 166, Casa Ave Maria, Flat 18, Triq Anġlu Mallia, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 293784(M);

Akkużat talli nhar id-19 ta' Settembru 2022 għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa ta' filgħodu (04:00 hrs) u l-għaxra ta' filgħodu (10.00 hrs), ġewwa Triq il-Vitorja, Birkirkara:

1. Ikkommetta serq ta' vettura bil-mutur tal-għamla Peugeot 106, u/jew oġġetti oħra, li sar għad-dannu ta' Sebestian Sammut u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitatijiet oħra, liema serq huwa kkwalifikat **bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur**, liema valur ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat **Francois Micallef** wieġeb illi ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wara li ngħata żmien xieraq għal din it-tweġiba[1];

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[2];

Rat illi waqt l-istess eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat **Francois Micallef** wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan wara illi ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni tad-difiża dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat **Francois Micallef** għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, b'dan illi minkejja tali ammissjoni, mhijiex ser issibu ħati tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 50 u 289 tal-istess Kodiċi. Dan għaliex mill-fedina penali tal-imputat, jirriżulta li apparti li huwa ġie kkundannat iħallas pieni pekunjarji, darba fis-sena 2005 u darba oħra fis-sena 2013 (u għalhekk jista' jinstab ħati talli huwa reċidiv ai termini tal-

[1] A fol. 5 tal-proċess.
[2] A fol. 6 tal-proċess.

Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali), jirriżulta wkoll illi mill-bqija l-imputat ingħata liberazzjoni mingħajr kundizzjoni (fis-sena 2006), liberazzjoni kundizzjonata (fis-snin 2009 u 2010) u Ordni ta' *Probation* (fis-snin 2013 u 2017), bl-aħħar darba li huwa nstab ħati jkun b'sentenza tal-10 ta' April 2017, dwar liema kif ingħad huwa ngħata Ordni ta' *Probation* għall-perjodu ta' tliet snin, oltre xogħol fil-komunita` għall-perjodu ta' tliet mitt siegħa.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Agius**, fejn l-appellat f'dik il-kawża kien ammetta *inter alia* għall-addebitu tar-reċidiva u dan fir-rigward ta' sentenza fejn kien tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation*. F'dak il-każ, il-Qorti qalet hekk:

> Dak li qieghed jippreokkupa din il-Qorti pero` huwa l-fatt li l-appellat gie addebitat b'recidiva dwar sentenza li permezz taghha huwa kien tqieghed taht probation ghal perijodu ta' tliet snin skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446. Ghalhekk, QATT MA SETA' JIGI ADDEBITAT MILL-PULIZIJA EZEKUTTIVA BIR-RECIDIVA DWAR DIK IS-SENTENZA. U m'hemm l-ebda dubju dwar liema sentenza din l-imputazzjoni kienet qed tirreferi. Persuna titqies li hija recidiva "jekk, wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor" (artikolu 49 tal-Kap. 9). U s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att dwar il-*Probation* (Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi:
>
> **"Bla hsara ghal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht dan l-Att li bih il-hati jitqieghed taht sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-hati ghal kollox jew kondizzjonalment ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini li jkun, minbarra -**
>
> **(a) l-finijiet tal-proceduri li fihom issir l-ordni u ta' kull procedura sussegwenti li tista' tittiehed kontra l-hati taht id-disposizzjonijjiet ta' qabel ta' dan l-Att, u**
>
> **(b) fil-kaz ta' ufficjal pubbliku, il-finijiet jew kull procedura dixxiplinari li tista' tittiehed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tigi imposta fuq dak l-ufficjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' htija jew ta' xi wiehed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat."**

> Il-kaz odjern ma jaqa' taht l-ebda wahda mis-sitwazzjonijiet fil-paragrafi (a) jew (b). Konsegwentement id-dikjarazzjoni ta' htija fil-proceduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-28 ta' Marzu 2003 li permezz taghha huwa tqieghed taht probation ghal perijodu ta' tliet snin, ma setghet QATT titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghall-finijiet ta' recidiva.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi l-*proviso* tal-imsemmi Artikolu 25 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> Iżda meta ħati, li jkollu mhux inqas minn tmintax-il sena età fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat li dwaru jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew jiġi kondizzjonalment liberat kif hawn qabel imsemmi, sussegwentement jingħata sentenza għal dak ir-reat, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom itemmu japplikaw għal dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija.

Minn ħarsa lejn il-fedina penali tal-imputat, ma jirriżultax illi dan kien il-każ ossia illi l-imputat ingħata sentenza għar-reati li dwarhom huwa ngħata Ordni ta' *Probation,* liberazzjoni kundizzjonata jew inkundizzjonata.

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost jirriżulta illi d-dikjarazzjonijiet ta' ħtija tal-imputat permezz tas-sentenzi tal-11 ta' April 2006, tal-20 ta' Mejju 2009, tal-11 ta' Frar 2010, tat-12 ta' Ġunju 2013 u tal-10 ta' April 2017, riżultanti mill-fedina penali tiegħu, li permezz tagħhom l-imputat ingħata liberazzjoni inkundizzjonata, liberazzjoni kundizzjonata, Ordni ta' *Probation* jew sanzjoni komunitarja, ma jistgħux jitqiesu bħala dikjarazzjonijiet ta' ħtija għall-fini tar-reċidiva. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan jgħodd bl-istess mod għar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, li jitkellem dwar 'kundanna'.[3]

Għaldaqstant, minkejja l-ammissjoni tal-imputat u fid-dawl tal-fatt illi mill-fedina penali tiegħu jirriżulta illi nhar il-25 ta' Ġunju 2013, huwa nstab ħati ta' reati taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u ġie kkundannat għal piena pekunjarja, huwa qed jinstab ħati biss tal-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali. Dwar dan irid jingħad illi għalkemm ma jirriżultax meta ġiet skontata din l-aħħar piena, u jekk għalhekk għaddewx jew le iżjed minn ħames snin minn meta din ġiet skontata jew imħallsa, tenut kont illi din il-piena ġiet imposta fis-sena 2013 u għalhekk iżjed minn disa' snin qabel ir-reat tal-lum, kif ukoll illi l-imputat

[3] L-Artikolu 289(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk: *"Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi."*

ammetta wkoll għar-reċidiva taħt l-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali meta ma jirriżultax li kien hekk ħati, il-Qorti qed tqis illi d-dubju għandu jmur favur l-imputat u għalhekk, kif ingħad, qed issib lill-imputat ħati talli huwa reċidiv biss fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proċeduri.

Qed tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati fost oħrajn ta' serq sempliċi u aggravat, dikjarazzjoni falza, pussess ta' droga eroina, ħsara volontarja, reati taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u riċettazzjoni. Fir-rigward, il-Qorti qed tqis ukoll illi l-iżjed reati riċenti li dwarhom l-imputat instab ħati jirrisalu għas-sena 2013. Altrimenti bis-sentenza tas-sena 2017, l-imputat instab ħati dwar reati li jirrisalu għas-sena 2006.

Qed tqis in oltre n-natura tar-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ u x-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Glen Grixti[4], kif ukoll ir-rapport redatt minnu fir-rigward tal-istess imputat[5]. Minn dan ir-rapport jirriżulta illi l-istess Uffiċjal tal-*Probation* kien segwa lill-imputat fuq Ordni ta' *Probation* fis-snin 2013 u 2017, f'liema żmien l-imputat kellu problema tad-droga, iżda bil-mod kien beda anke jissottometti kampjuni tal-urina negattivi għal sustanzi lleċiti. L-Uffiċjal tal-*Probation* jgħid illi dan l-andament kompla sal-bidu tas-sena 2020, meta huwa waqaf isegwi lill-imputat. Jgħid in oltre illi fl-aħħar sena u ftit xhur huwa reġa' rrikorra għall-użu tad-droga eroina u kokaina u s-sitwazzjoni tiegħu, fi kliem l-Uffiċjal tal-*Probation*, ma kienet tajba xejn. Għaldaqstant, huwa enfasizza mal-imputat li kien importanti li jfittex l-għajnuna, inkluż permezz ta' programm residenzjali. Jgħid ukoll illi ftit tal-jiem qabel din ix-xhieda, ingħatat l-opportunita` lill-imputat sabiex jidħol għal ftit jiem ġewwa Dar l-Impenn, fejn kellu jibqa' jirrisjedi sal-għada tal-istess xhieda. Ġie wkoll imfassal pjan ta' kura u dan fis-sens illi l-imputat kellu jidħol ġewwa l-isptar Monte Karmeli sabiex inaqqas id-doża tal-*methadone,* u minn hemm kellhom jiġu esplorati forom oħrajn ta' għajnuna professjonali. Jgħid ukoll illi l-istess imputat kien daqsxejn reżistenti li jiġi rikoverat fl-istess sptar, iżda dan il-pjan kellu jerġa' jiġi diskuss miegħu mill-Uffiċjal tal-*Probation.* Mir-rapport jirriżulta wkoll illi l-istess Uffiċjal tal-*Probation* irrakkomanda illi l-imputat għandu jingħata Ordni ta' *Probation* fil-massimu tagħha, li matulha l-imputat għandu jibqa' jsegwi l-pjan ta' kura mfassal lilu mill-professjonisti li se jkunu qed isegwuh sabiex ikompli jindirizza l-problema tad-

[4] A fol 30A *et seq* tal-proċess.
[5] A fol 31 *et seq* tal-proċess.

droga. Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* jispjega wkoll illi din ir-rakkomandazzjoni saret għaliex fil-passat, ordni simili li permezz tagħha l-imputat ġie sorveljat, ħalliet il-frott u fil-fatt huwa għamel madwar ħames snin (skont ir-rapport, bejn Awwissu 2014 u April 2016 u bejn Mejju 2017 u April 2020) jipprovdi kampjuni tal-urina li rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi llеċiti. L-Uffiċjal tal-*Probation* jixhed ukoll dwar kif anke l-familjari tal-imputat urew ix-xewqa li l-imputat jindirizza din il-problema, stante illi din kienet qegħda taffetwalhom ħajjithom ukoll, inkluż ukoll għaliex l-imputat spiċċa involut fi ċrieki tal-użura.

Qieset ukoll in oltre dak li ngħad mill-vittma ta' dan is-serq lill-Uffiċjal tal-*Probation* fil-konfront tal-imputat.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis illi minkejja li dan ma kienx l-ewwel skontru tal-imputat mal-ġustizzja tant illi, kif ingħad, instab ħati ta' diversi reati, inkluż ta' serq, matul is-snin, biss qed tqis ukoll illi l-aħħar reati kommessi minnu (dwar ksur tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta) jirrisalu għas-sena 2013 u illi għalhekk, kif jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation*, l-imputat kien miexi fit-triq it-tajba sakemm reġa' beda jagħmel użu minn sustanzi llеċiti, li wassluh għall-każ tal-lum. Fiċ-ċirkostanzi, u anke għaliex jidher li l-imputat dejjem għamel progress sostanzjali meta ġie segwit, il-Qorti qed tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-istess Uffiċjal tal-*Probation* u ser tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' *Probation* għall-perjodu massimu. B'dan ukoll illi l-Qorti qed twissi lill-imputat illi huwa għandu jagħmel l-almu tiegħu sabiex jikkopera mal-professjonisti konċernati u jirċievi l-għajnuna kollha li tingħatalu sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga, bir-riżultat illi kemm il-darba dan jibqa' ma jagħmlux, huwa għandu jifhem illi dan iġib il-konsegwenzi, ossia illi f'każ ta' denunzja mill-Uffiċjal tal-*Probation*, jew kemm il-darba jikkommetti reat ieħor matul l-istess Ordni, il-Qorti dejjem tista', u fl-aħħar każ, għandha, titratta miegħu billi teroga, għar-reat tal-lum, il-piena ta' priġunerija li tikkontempla l-liġi għall-istess reat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 261(b), 261(ċ), 261(ġ), 263, 267, 271(ġ), 278(3), 279(a) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Francois Micallef** mhux ħati ta' dik il-parti tat-tieni imputazzjoni li tikkontempla l-addebitu tar-reċidiva fit-termini tal-Artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali u qed tilliberah minn din il-parti tal-istess imputazzjoni, fil-waqt illi fuq ammissjoni, qed issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u ta' dik il-parti tat-tieni imputazzjoni li tirreferi għar-reċidiva fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, u fid-dawl tal-

kunsiderazzjonijiet fuq magħmula, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħdu taħt Ordni ta' *Probation* għall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet elenkati fl-istess Ordni, liema Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa ma joqgħodx mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' *Probation*, jew kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv tal-istess Ordni.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*.

Stante li ma nħatrux esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur